MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Talba Numru. 65/2012

**Go plc**

**Vs**

**Gordon Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta’ Jannar 2012 fejn is-socjeta attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ hames mija u sitta u erbghin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€546.78) ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni numru tal-kont *A/C80128935* moghtija mis-Socjeta attrici.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut , bl-imghax legali u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tad-29 ta' Marzu 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta fid-29 ta' Marzu  2012 u filfatt il-konvenut nqas li jidher sabeix jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u sitta u erbghin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€546.78) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------